MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2012

Numru. 1306/2010

**-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Anthony Lia ta’ 63 sena, bin Francis u Theresa nee’ Axisa imwieled fis-27 ta’ Mejju 1948 u joqghod 40, Redentur, Triq it-Taghlim Fgura imwieled Valletta fis-27 ta’ Mejju 1948 u detentur tal-karta ta’l-identita’ numru 517548(M)**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Anthony Lia li gie akkuzat:

1. talli fis-7 ta’ Dicembru 2010 fil-fond jew fid-dintorni tieghu cioe’ f’numru 3, Flat 2, sitwat fi Triq Joseph Stivala Rahal il-Gdid u fi bnadi ohra f’dawn il-gzejjer, zamm jew

kellu fil-pussess u taht il-kontroll tieghu jew garr barra mill-fond jew id-dintorni tieghu arma tan-nar u munizzjon cioe' Pistola tal-marka Browning numru tas-serje VVO282 flimkien ma' sitt balal kif ukoll garr l-istess arma li hi arma regolari u l-istess munizzjon, minghjar ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

2. akkuzat ukoll talli xhur qabel is-7 ta' Dicembru fil-fond jew fid-dintorni tieghu, cioe' f'appartament fl-Imsida u f'dawn il-gzejjer zamm jew kellu fil-pussess u taht il-kontroll tieghu jew garr barra mill-fond jew id-dintorni tieghu arma tan-nar u munizzjon cioe' Pistola tal-marka mhux maghrufa, kif ukoll garr l-istess arma regolari u l-istess munizzjon minghjar ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija

3. akkuzat ukoll talli fis-7 ta' Dicembru 2010 fil-fond bl-isem f'numru 3 Flat2, sitwat fi Triq Joseph Stivala Rahal il-Gdid qabad arma tan-nar cioe' Pistola tal-marka Browning numru tas-serje VVO282 u hedded biha lil Marianne Monday minn Rahal il-Gdid.

4. akkuzat ukoll talli xhur qabel is-7 ta' Dicembru 2010 f'appartament fl-Imsida qabad arma tan-nar cioe' Pistola tal-marka mhux maghrufa u hedded biha lil Marianne Monday minn Rahal il-Gdid.

5. akkuzat aktar talli f'Malta gie fil-pussess ta' armi tan-nar jew munizzjon xort'ohra milli b'licenzja, u naqas li jirraporta minnufih lil Pulizija.

6. akkuzat talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi minghjar il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha fuq il-persuna ta' Marianne Monday minn Rahal il-Gdid u ikkagunalha ferita ta' natura hafifa skond ma iccertifikat Dr. Pamela Gauci Reg.No. 2962 mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal il-Gdid.

7. akkuzat ukoll talli fil-jum tas-7 ta' Dicembru 2010 u xhur qabel bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Marianne Monday minn Rahal il-Gdid biza li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta taghha jew kontra l-persuna

jew il-proprjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet.

8. akkuzat ukoll talli fix-xhur qabel is-7 ta' Dicembru 2010 f'Rahal il-Gdid, fl-Imsida u f'dawn il-Gzejjer ghamel lil Marianne Monday minn Rahal il-Gdid ingujri jew theddid mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali fin-nota tieghu ta' rinviju ghal gudizzju tat-2 ta' Marzu 2011.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn din l-Qorti.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fir-rigward ta'l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza id-difiza tallbet lill-Qorti sabiex tiskarta x-xhieda ta' Marianne Monday bhala prova, u dana billi l-imputat ma kellux l-opportunita li jaghmel l-kontro-ezami ta' dina x-xhud. Il-Qorti ghalhekk ser tibda biex titratta dina id-difiza sollevata mill-imputat u dana billi Marianne Monday hija x-xhud ewlenija tal-prosekuzzjoni. Marianne Monday fil-fatt xehdet fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2010 u f'dik is-seduta id-difiza sahansitra bdiet taghmel il-kontro-ezami taghha, izda ghazlet li ma tispiccahx.[1] Kien biss imbaghad fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2011 illi d-difiza tallbet sabiex titressaq dina x-xhud in kontro-ezami[2] u minn hawn il-Prosekuzzjoni bdiet taghmel l-almu taghha biex

[1] Ara xhieda ta' Marianne Monday a fols.32 et.seq.
[2] Ara verbal a fol.81

tirrintraccja dina x-xhud billi ma kenitx ghadha qed tirrisjedi fl-istess indirizz. Fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2012 (erba' seduti wara), imbaghad, il-Prosekuzzjoni iddikjarat li ma irnexxiliex tirrintraccja lil din x-xhud u hawnhekk d-difiza tallbet sabiex il-Qorti tiskarta x-xhieda taghha fid-dawl tal-fatt illi ma setax jitkompla isirilha l-kontro-ezami[3]. Dana sehh peress illi meta d-difiza tallbet lill-prosekuzzjoni sabiex dina ix-xhud tigi ingunta ghal kontro-ezami, hija baghet ma instabitx ghaliex x'aktarx telqghet minn Malta.

Illi l-ligi tirregola l-mod kif ghanhom jinstemghu x-xhieda l-artikolu 646 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Hemmhekk il-ligi tispecifika illi x-xhud ghandu jinstema *viva voce* fil-qorti u l-imputat ghandu ikun prezenti filwaqt tas-smigh tax-xhieda. Dana id-dritt ta'l-imputat jibqa' mhux mittifes anke meta xhud ikollu jinstema per ezempju fir-residenza tieghu jew f'xi sptar minhabba mard. L-imputat ukoll ikollu dritt ta' kontroll fuq xhieda li ikunu imsefrin u li jinstemghu bil-procedura tal-hekk imsejjha ittri rogatorji. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Pierre Gravina**,[4] fejn l-persuna li kienet tat x-xhieda guramentata taghha a tenur ta'l-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 kienet lahhqet telqghet minn Malta meta inbdew il-proceduri kontra l-imputat u kwindi ma setax jingieb jixhed *viva voce* fil-qorti, l-Qorti stqarret:

"**Issa, huwa principju generali li "*...ix-xhieda ghandhom dejjem jigu ezaminati fil-Qorti u viva voce*" (Artikolu 646(1), Kap.9). Ghal din ir-regola, pero', hemm certi eccezzjonijiet li jipprovdi ghalihom l-istess Artikolu 646 fis-subartikoli li jigu wara s-subartikolu (1). Hemm ukoll l-eccezzjoni tad-deposizzjoni mehuda in segwitu ghall-hrug ta' ittri rogatorjali bil-procedura traccjata fl-artikolu 399 tal-Kodici Kriminali, procedura li giet ritenuta applikabbli anke ghal kawzi sommarji (ara Il-Pulizija vs Angelo Grima App.Krim. 18 ta' Ottubru 1952), u li il-prattika giet ukoll applikata mill-Qorti Kriminali f'xi kazijiet**

[3] Ara verbal a fol.85
[4] App.Krim 26/05/2003 per Prim'Imhallef Vincent Degaetano

**wara l-hrug tal-att ta'l-akkuza. U hemm l-eccezzjoni ta' meta xhud jinstema' f'daru minhabba mard jew xjuhija (Art. 647 Kap.9). Jigi osservat li anke fil-kaz ta' xhieda permezz ta' rogatorji u ta' xhieda li jinstemghu f'darhom, <u>l-imputat jew akkuzat ghandu dejjem il-jedd li jkun presenti waqt is-smigh tax-xhud</u> jew jahtar rappresentant tieghu ghal waqt tali smigh – Art 647(3) u 399(2). (**sottolinjar tal-qorti**)**

Interessanti ferm f'din is-sentenza hija r-referenza li taghmel il-Qorti ta'l-Appell ghal dak li ighidu l-awturi Ben Emmerson u Andrew Ashworth fil-ktieb ***Human Rights and Criminal Justice (Sweet and Maxwell 2001)*** :

**"*What appears from these and other decisions is a complex mixture of at least three major factors. First, the Court's chief concern is the fairness of the trial as a whole: <u>the defendant's right to "confront" or cross-examine every prosecution witness is important, but not absolute</u>.* (sottolinjar tal-qorti) *Or, to express the point differently, reliance on pre-trial witness statements is not contrary to the Convention, so long as the rights of the defence are respected. Secondly, the Court's judgment on overall fairness is much affected by the significance of the written or reported statements for the prosecution case: it is fairly clear that a trial would be unfair if the conviction rested "solely or mainly" on the disputed statement, but in some decisions the test is expressed in terms more favourable to the defence. Thus in Ludi v. Switzerland the Court thought it sufficient to render the trial unfair that the written evidence had "played a part" in the conviction. However this may be explained by the third factor: that the Court has regard to the practical possibility of according greater recognition to defence rights than was done at the trial. In other words, there are some cases where the impracticability of producing the witness at the trial might lead the Court to adopt a more flexible approach to Article 6(3)(d) (as, for example, in Artner v. Austria, where the witness had gone missing and*

***was untraceable; or in Asch v. Austria, where the witness exercised her right not to testify). But the national court should always look for alternative safeguards. As the Court put it in Van Mechelen v. Netherlands, "any measures restricting the rights of the defence should be strictly necessary. If a less restrictive measure can suffice then that measure should be applied*." (para. 15-114, 15-115, pagna 465).**

Il-Qorti hawnhekk kienet qed taghmel referenza ghal stqarrijiet rilaxxjat minn xhieda qabel ma tinbeda l-kawza u id-dritt ta'l-akkuzat li jaghmel kontro-ezami lill-istess. Illi jidher ghalhekk illi anke l-Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dejjem sahhqet illi d-dritt ta'l-imputat li ikollu kontroll fuq is-smigh tax-xhieda u li ighamillhom il-kontro-ezami huwa sancit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni li jipprovdi dwar id-dritt tal-persuna akkuzata ghal smigh xieraq. Izda, kif inghad, il-fatt li imputat ma ikollux id-dritt jaghmel il-kontro-ezami ghalkemm importanti u vitali madanakollu mhux necessarjament jirrendi dik ix-xhieda inammissibbli f'kaz illi ma ikunx jista' isir il-kontro-ezami. Issa fil-kaz in dizamina ma hemmx dubbju illi s-smigh tax-xhieda ta' Marianne Monday giet mismugha skond il-ligi u cioe' fil-qorti u *viva voce* fil-presenza ta'l-imputat u id-difensuri tieghu, u l-imputat kellu kull opportunita jaghmel il-kontro-ezami ta'l-istess xhud. Fil-fatt id-difiza kienet bdiet taghmel il-kontro-ezami taghha meta xehdet Marianne Monday, izda hasset illi riedet taghmel xi mistoqsijiet ulterjuri u allura issospendiet l-istess. Ma jistax issa l-imputat jinqeda bil-fatt illi x-xhud ma tistax tinsab u jitlob l-isilz tax-xhieda taghha tenut kont tal-fatt illi kien biss wara li ghaddew 'il fuq minn hames xhur mis-smigh ta' dina x-xhieda illi huwa talab li ikompli jaghmlilha il-kontro-ezami, haga li kellu kull opportunita jaghmel qabel. Il-Qorti ghalhekk mhijiex ser tilqa' t-talba tad-difiza ghall-isfilz ta' dina x-xhieda izda ser tqies dina x-xhieda fid-dawl tal-provi kollha prodotti b'mod specjali fid-dawl ta' dak mistqarr mill-imputat fl-istqarrija tieghu.

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi bejn l-imputat u l-parti leza Marianne Monday kien hemm relazzjoni ta' hbiberija

intima li wara xi zmien marret hazin. Fuq dana hemm qbil bejn iz-zewg partijiet. Izda filwaqt illi Monday tallega illi hija xtaqet ittemm dina r-relazzjoni u l-imputat oggezzjoni ghal dana l-fatt, l-imputat minn naha tieghu jikkontendi illi kien hu li wera dina x-xewqa wara li Monday bdiet tinsisti illi riedet tarbija minn ghandu u meta huwa irrifjuta, bdiet theddu li kienet ser tikxef dina r-relazzjoni klandestina taghhom lil martu u lill-persuna li kien jahdem mieghu. Madanakollu ma hemmx dubbju illi fil-jum indikat fl-akkuza sehh incident bejn dawn it-tnejn minn nies gewwa appartament f'Rahal il-Gdid. Jidher illi qam argument bejniethom tant illi xi nies li kienu ghaddejjin mit-triq irrappurtaw dana il-fatt lill-pulizija.[5] Wara dan l-pulizija accedew fuq il-post u arrestaw lill-imputat.

Illi quddiemha il-Qorti ghandha zewg verzjonijiet dwar dana l-incident. Dik ta' Marianne Monday li tat fil-kors tax-xhieda taghha u l-verzjoni ta'l-imputat li tohrog mill-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija[6] u dana billi l-imputat ma xehedx quddiem il-Qorti. Huwa fatt mhux ikkontestat illi fil-kors ta' dana l-argument l-imputat kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar li ma kenitx debitament illicenzjata. Fil-fatt huwa jammetti l-akkuza dwar il-pussess ta' dina l-arma minghajr licenzja tal-Pulizija. Hemm qbil ukoll illi matul dana l-argument dina l-arma kienet tinsab fil-but tan-naha ta' wara tal-qalziet ta'l-imputat. Monday tallega illi l-imputat heddidha b'dina l-arma li kien ser joqtol lil habib taghha certu wiehed Chris li mieghu hija kellha hbiberija, imbaghad kien ser joqtol lilha u lilu innifsu. Tghid illi l-imputat imbaghad kaxkarha minn xaghrha sal-bieb ta' barra u ghafsilha ghonqha. Wara regghu telghu 'il fuq fl-appartament ghax l-imputat ried jikkjarifika s-sitwazzjoni bil-kwiet. Hawn hi tghid illi bil-griehi li sofríet bdiet tirremetti. Fil-fatt l-Ufficjal Prosekutur anke ezebixxa xi ritratti li juru dan. Illi mic-certifikat mediku esebiet fl-atti u debitament ikkonfermat mit-tabiba Pamela Gauci[7] jirrizulta illi Monday kellha diversi griehi li fil-maggior parti taghhom ma kenux vizibbli, izda tikkontendi illi minn ezami mediku li ghamlet fuqha irrizulta illi hija kellha ugigh bejn l-ghonq u

---

[5] Ara xhieda ta' WPC262 Diane Galea a fol.53

[6] Ara Dokument SZ2 a fol.24 et. Seq.

[7] Ara Dokument SZ4 a fol.29 u ix-xhieda a fols. 64 et.seq

l-ispalla, ugigh fil-bokka tal-istonku u ugigh fil-parti ta’isfel taz-zaqq u fin-naha tan-nofs. Dawn kollha kienu feriti ta’ natura hafifa.

Illi minn ezami ta’ dawn il-provi, ghalhekk, l-Qorti hija konvinta moralment illi kien hemm konfrontazzjoni bejn Monday u l-imputat. F’dina l-konfrontazzjoni l-imputat uza forza fizika fuq l-istess Monday u ikkagunalha griehi ta’ natura hafifa. Ma hemmx dubbju ukoll illi l-imputat kien qed igorr fuqu arma tan-nar mhux illicenzjata. Dana huwa ammess minnu stess. Illi l-Qorti setghet tasal ghal dawn il-konkluzjonijiet abbazi tas-segwenti provi:

1. Fl-ewwel lok ir-rapport illi il-kuntistabbli Diane Galea tghid li irceviet, ghalkemm kien wiehed anonimu u qatt ma gie ikkonfermat quddiem il-Qorti, jikkombacja perfettament ma’l-istat ta’ fatt li instab mill-pulizija meta imbaghad wasslu fuq il-post. Hija tghid: ***“kienu avvicinawna persuni u ragel partikolari li xtaq jibqa’ anonimu qalilna li gewwa Triq J. Stivala … kien ghadu kemm ra ragel ta’ karnaggjon bajda li kien qed isawwat mara ta’ nazzjonalita sewda, jigifieri, kif qalilna hu, din kienet liebsa underwear isfar. Qaluna biex ma nersqux ahna fuq il-post peress li dan ir-ragel kien armat peress li kien ra xi pistola mohbija gol-qalziet jigifieri mac-cinturin.”*** Illi fil-fatt meta il-pulizija wasslu fuq il-post sabu lill-imputat (ta karnaggjon bajda), lil Monday, (mara ta’ karnagjon skura), li kienet libsa bil-hwejjeg ta’ taht li l-kulur taghhom kien isfar. L-imputat kellu fuqu arma tan-nar li kienet fil-but ta’ wara tal-qalziet.

2. Illi ma hemmx dubbju illi Monday sofríet griehi kif hawn fuq elenkati li huma kompatibbli ma’ dak li hi qalet li sehh. Hija issostni illi l-imputat kaxkarha minn xagharha tul it-tarag u ghafsilha ghonqha. B’hekk hi bdiet issofri ugigh f’diversi postijiet f’gisimha. Bid-daqqiet li qalet hija spiccat irrimetiet, li ukoll instab fuq il-post.

3. Ix-xhud Marianne Monday tidentifika l-arma tan-nar li intuzat f’dana l-incident meta hija tigi murija l-istess fil-kors tax-xhieda taghha.

L-imputat minn naha tieghu jinnega illi inqala’ xi incident bejnu u bejn l-parti leza. Jikkontendi illi f’dik il-ghodwa huwa mar gewwa l-appartament sabiex ikellem lil Monday bil-kwiet minhabba problemi li kienu inqalghu fir-relazzjoni ta’ bejniethom. Ighid illi huwa kien qed igorr arma tan-nar fuqu minhabba l-fatt illi xi jiem qabel kien sab xi vendikazzjonijiet fil-vettura tieghu u ghalhekk beda jibza u zamm l-arma fuqu sabiex jekk jinqala xi haga ikun jista’ jiddefendi lilu innifsu. Fil-fatt fuq talba tieghu, l-ufficjal prosekutur ezebixxa xi rapporti f’dana is-sens li kien ghamel l-imputat xi granet qabel. Jichad illi huwa kaxkarha minn xagharha izda isostni illi kienet hi li iddendlet mieghu.

Illi l-Qorti ma tistax temmen il-verzjoni ta’l-imputat billi kif diga inghad ma hemmx dubbju illi sehh argument bejnu u bejn Monday tant illi issejjhu il-pulizija fuq il-post minn terzi persuni li ma kellhom xejn x’jaqsmu ma’ dana l-incident. Monday kellha diversi griehi u anke instabet l-arma tan-nar li Monday qalet li l-imputat heddidha biha. L-imputat stess ma jichadx illi gurnata qabel kien bghat messagg lil Monday bil-kliem li kien gej ikellimha “to end this misery”, liema messagg l-Ufficjal Porskeutur jikkonferma li rah fil-kors ta’l-investigazzjonijiet tieghu.[8] Illi meta imbaghad l-istess Monday ippruvat iccempel ghall-ghajnuna, l-imputat kissrilha l-mobile phone, liema telefon cellulari gie anke esebiet fil-kawza.[9] Monday tikkonferma ukoll illi meta l-imputat nizzilha sa barra bil-forza kien hemm xi nies barra ighajjtu li cemplu lil pulizija. Dana kollu iwassal lil dina l-Qorti ghal konvinzjoni morali illi l-verzjoni tal-fatti kif dikjarati minn Monday huma iktar veritjieri minn dak mistqarr mill-imputat fl-istqarrija tieghu u dana billi l-provi kollha li jinsabu fl-atti in konnessjoni ma’ dana l-incident kollha jikkonfortaw ix-xhieda taghha u mhux dik ta’l-imputat. Kwindi il-Qorti ser issib htija kontra l-imputat ghall-akkuzi konnessi ma’ dana l-incident billi ma hemmx dubbju illi l-imputat hedded lil Monday b’arma tan-nar li

[8] Ara xhied ata’l-Ufficjal Prosekutur a fol.17

[9] Ara Dokument MM1

kienet il-pussess tieghu minghajr licenzja u anke ikkagunalha griehi ta’ natura hafifa fil-kors ta’l-istess.

Illi matul il-kors tax-xhieda ta’ Monday jissemma fuq fuq xi incident iehor li sehh f’appartament gewwa l-Imsida xi ftit taz-zmien qabel fejn Monday ukoll tallega illi l-imputat kien heddidha b’xi arma tan-nar. Dina l-arma tan-nar mhix l-istess wahda li intuza fl-incident tas-07 ta’ Dicembru 2010 u qatt ma instab mill-pulizija. Inoltre ma hemmx provi ohra fl-atti sabiex isostnu dak li tghid Monday. L-uniku prova li hemm fl-atti in konnessjoni ma’l-istess huwa paragrafu mix-xhieda ta’ Monday u xejn izjed. Lanqas ma jirrizulta id-data ta’ dan l-incident u il-post ezatt fejn sehh. Minn naha tieghu l-imputat ukoll jichad li sehh dana l-incident. Izda billi l-provi f’dana il-kas huma skarni hafna il-Qorti ma tiatsx tasal ghal sejbien ta’ htija fil-konfront ta’l-imputat. Ghaldaqstant l-imputat ser jigi illiberat mill-akkuzi li jirreferu ghal dana l-incident.

Illi jifdal finalment ir-reat ta’l-hekk imsejjah “harassement” bil-vjolenza kif previst fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9. Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appell Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija vs Raymond Parnis** (per Prim’Inhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni ezawrjenti ta’ dak li jikkostitwixxi il-***harassement*** taht dina id-disposizzjoni tal-ligi. Il-Qorti ta’l-Appell fis-sentenza taghha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma “imgieba” fit-test tal-ligi timplika “a course of conduct” u mhux xi incident wiehed izolat. Il-Qorti tistqarr:

“Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-***Protection from Harassment Act, 1997*** tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: ***“A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions.”*** L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista’ jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: ***“A***

***person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…”*** . Il-kliem “**on each of those occasions”** huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f’okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, **“on at least two occasions”**. …. Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista’ tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi.” (sottolinjar tal-Qorti).

Illi kif diga inghad iktar ‘il fuq, fix-xhieda taghha Marianne Monday issemmi zewg incidenti fejn l-imputat heddidha u cioe’ dak tas-07 ta’ Dicembru 2010 u incident iehor li sehh f’data mhux maghrufa u post mhux maghruf gewwa l-Imsida. Illi kif diga inghad dana it-tieni incident jissemma b’mod superficjali mix-xhud u ma hemmx xi provi ohra fl-atti li jitfghu xi dawl fuq dana l-incident. Kwindi l-Qorti ghandha quddiemha incident wiehed biss ippruvat fejn l-imputat hedded lil Monday u anke ikkagunalha xi griehi. Ma jidhirx illi dana l-agir kien xi ***course of conduct***, izda disgwid bejniethom in konnessjoni mar-relazzjoni taghhom, liema relazzjoni jidher illi ilum intemmet. Ghaldaqstant dina l-akkuza lanqas ma giet sodisfacentement ippruvata u l-imputat ser jigi illiberat minnha.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi fosthom il-fedina penali kwazi netta ta’l-imputat u l-fatt illi mix-xhieda mismugha jidher illi l-imputat mhuwiex xi bniedem b’xi karattru refrattarju jew bniedem vjolenti, izda kien anke jokkupa l-kariga ta’ ufficjal tal-pulizija qabel ma irtira u kien rappresentant ezemplari tal-korp. Jidher illi l-imputat ghadda minn zmien fejn id-dghjufija tieghu ghelbitu

minhabba relazzjoni li huwa kellu mal-parti leza li marret hazin. Jidher illi l-imputat iddispjacih minn dak li sehh. Illi fil-kors tal-kawza irrizulta ukoll illi l-parti leza ma ghadiex tirrisjedi Malta u kwindi dina l-Qorti mhijiex ser thalli l-ordni ta' protezzjoni fis-sehh. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk piena karcerarja effettiva ma tkunx idonja.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 5(1), 41, 51(2), 56 u l-Iskeda III tat-Taqsima II tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, 17(b)(h), 23, 31, 18, 339(1)(b), 64(1), 214, 215, 217, 221(1)(2), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni, ir-raba u is-seba akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tal-kumplament u tikkundannah ghal perijodu ta' sitt xhur prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dana il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum. Inoltre l-imputat qed jigi ikkundannat ihallas multa ta' €700.

Il-Qorti qed twissi lil hati mill-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti qed tordna il-konfiska tad-Dokument SZ7 konsistenti f'arma tan-nar tal-ghamla Browning u munizzjon.

Finalment wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lil hati taht garanzija ta' €500 sabiex izomm il-paci ma' Marianne Monday u dana ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------